

Brussell, 28 ta' Novembru 2019
(OR. en)

14653/19

ENT 265
MI 826

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	28 ta' Novembru 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: Suġġett:	13814/19 ENT 246 MI 772 + COR 1 Ekonomija Ċirkolari fis-Settur tal-Kostruzzjoni - Konklużjonijiet tal-Kunsill (adottati fit-28 ta' Novembru 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Ekonomija Ċirkolari fis-Settur tal-Kostruzzjoni", adottati mill-Kunsill (Kompetittività) fil-laqgħa tiegħu li saret fit-28 ta' Novembru 2019.

Ekonomija ċirkolari fis-settur tal-kostruzzjoni

Konklużjonijiet tal-Kunsill -

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR FI:

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar

– Aktar ċirkolarità - Transizzjoni lejn soċjetà sostenibbli¹

1. JINNOTA li nofs il-materja prima tad-Dinja tintuża għall-kostruzzjoni², li 40 % tal-konsum finali tal-enerġija jintuża matul il-ħajja operattiva tal-bini³, li l-karbonju inkorporat fil-prodotti tal-kostruzzjoni jirrappreżenta 10-20 % tal-karbonju inkorporat totali fil-bini fl-UE⁴, u li l-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni jammonta għal terz tal-iskart iġġenerat fl-Unjoni⁵, u JIRRIKONOXXI s-sehem dejjem akbar tal-enerġija inkorporata fir-rigward tat-tnaqqis tad-domanda għall-enerġija tal-ħajja operattiva tal-bini;
2. JIRRIKONOXXI l-potenzjal kbir għal titjib fl-effiċjenza fir-riżorsi u ċ-ċirkolarità tal-manifattura, l-użu u t-trattament fi tmiem il-ħajja ta' materjali u prodotti tal-kostruzzjoni;
3. JENFASIZZA l-ħtieġa għal transizzjoni f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi⁶, għal ekonomija newtrali għall-klima u aktar ċirkolari fil-forniment u l-manifattura ta' prodotti tal-kostruzzjoni u l-użu sostenibbli tagħhom fix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni;

¹ Dokument tal-Kunsill 12791/19.

² Herczeg, McKinnon, Milios, et al. (2014). Resource efficiency in the building sector. Final report to DG Environment.

³ Cao, Dai & Liu (2016). Building energy-consumption status worldwide and the state-of-the-art technologies for zero-energy buildings during the past decade", Energy and Buildings 128: 198-213.

⁴ Material Economics, 2018 "Circular Economy – A Powerful Force for Climate Mitigation"

⁵ Eurostat (2019). Waste Statistics. Disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Waste_statistics#Total_waste_generation

⁶ Qbil fi ħdan il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), li jittratta l-mitigazzjoni, l-adattament, u l-finanzi tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, iffirmit fl-2016. Disponibbli online fuq: https://unfccc.int/sites/default/files/english_paris_agreement.pdf

4. JINNOTA li l-bini u l-infrastruttura eżistenti jiffurmaw bank ta' materjali li għandu jiġi sfruttat;
5. JIĠBED L-ATTENZJONI GĦALL-FATT li l-bini huwa l-akbar konsumatur waħdieni tal-enerġija fl-Ewropa, li l-kostruzzjoni tagħmel użu intensiv mill-materjali u mill-karbonju u li l-manutenzjoni u r-rinnovazzjoni tal-bini u tal-infrastruttura eżistenti, u kostruzzjoni ċirkolari ġdida, jistgħu jkollhom rwol-fl-isforzi biex issir transizzjoni newtrali għall-klima u ekoloġika;
6. JIRRIKONOXXI l-potenzjal li ekonomija ċirkolari tista' toffri għall-ħolqien tal-impjiegi u għall-ekonomija ġenerali tal-UE. It-transizzjoni ulterjuri f'ekonomija ċirkolari għandha l-potenzjal li tiġġenera sa 60 miljun impjieg ġdid madwar id-dinja matul l-għoxrin sena li ġejjin⁷. Fl-UE, is-settur tal-kostruzzjoni huwa stmat li ser jibbenefika l-aktar, b'żieda possibbli ta' 6.5 miljun impjieg ġdid sal-2030⁸;
7. JENFASIZZA l-importanza tal-promozzjoni u l-finanzjament ta' azzjonijiet ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni kif ukoll il-promozzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni tar-riżultati tar-riċerka sabiex jiġu żviluppati prodotti u materjali ta' kostruzzjoni aktar sostenibbli, inkluż materjali riċiklati, li, pereżempju, inaqqsu l-impatt taċ-ċiklu tal-ħajja tal-bini, itejbu l-possibbiltà ta' diversi ċikli tal-ħajja tal-bini, iżidu l-effiċjenza fl-enerġija, inaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ jew jassorbu s-CO₂;
8. IHEĠĠEGĠ lill-Kummissjoni tiffaċilita ċ-ċirkolarità tal-prodotti tal-kostruzzjoni meta tirrevedi r-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini (UE) Nru 305/2011 (CPR) u tagħmel l-almu tagħha biex tinkludi l-karatteristiċi essenzjali korrispondenti meħtieġa fl-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi (Armonizzati) sabiex jiġi żgurat li dawn il-prodotti jirrispettaw ir-rekwiżiti applikabbli kollha tas-CPR;

⁷ Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, "A just transition to a sustainable future - Next steps for Europe," ILO-Brussell, Brussell, 2017.

⁸ G. Montt, J. Capaldo, M. Esposito, M. Harsdorff, N. Maitre u D. Samaan, "Employment and the role of workers and employers in a green economy," fi Greening with Jobs - World Employment and Social Outlook 2018, 2018.

9. JENFASIZZA l-isfidi ewlenin tar-rekwiżit bażiku għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni (BWR) 7 għall-ekonomija ċirkolari, u l-ħtieġa li l-BWR 7 jikkunsidra l-ispeċifità tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi mfassla għad-dikjarazzjoni ambjentali dwar il-prodotti, u JĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni, b'mod konġunt mal-Istati Membri, jikkunsidraw l-standards li diġà jeżistu, b'mod partikolari EN 15804 u EN 15978, sabiex jippermettu l-użu tad-data ddikjarata għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni ambjentali tal-bini;
10. JENFASIZZA l-importanza li jsir possibbli l-ġoti ta' informazzjoni dwar il-prestazzjoni rigward il-karatteristiċi b'rabta mal-BWR 3 (Iġjene, is-saħħa u l-ambjent) u l-BWR 7 (Użu sostenibbli ta' riżorsi naturali) tal-Anness I tas-CPR, anki għall-prodotti tal-kostruzzjoni koperti minn standards armonizzati għall-prodotti fejn tali karatteristiċi huma nieqsa;
11. JISSOTTOLINJA n-natura volontarja tal-użu mill-ġdid tal-prodotti tal-kostruzzjoni;
12. JENFASIZZA l-importanza li jiġu żgurati l-aspetti ta' saħħa u sikurezza ta' prodott tal-kostruzzjoni anki meta dan ikun qed jiġi użat mill-ġdid jew jiġi manifatturat minn materjal riċiklat; speċjalment meta jitqiesu l-kontaminazzjonijiet potenzjali, is-sostenibbiltà mnaqqsa u d-durabbiltà mnaqqsa tal-materjal riċiklat jew użat mill-ġdid, u l-possibbiltà li jiġi eskluż ir-riċiklaġġ ta' xi materjali għal ċerti applikazzjonijiet iġjeniċi u ambjentalment rilevanti;
13. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għal sensibilizzazzjoni permezz ta' azzjonijiet biex tissaħħaħ il-fiduċja tal-pubbliku ġenerali fis-sikurezza u l-kwalità tal-prodotti tal-kostruzzjoni magħmula minn materjali riċiklati u tal-prodotti tal-kostruzzjoni użati mill-ġdid, u azzjonijiet dwar l-użu possibbli ta' dawk il-prodotti;
14. JIRRIKONOXXI li mhux l-aspetti kollha relatati mal-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' prodotti tal-kostruzzjoni u l-materjali li dawn fihom jistgħu jiġu solvuti fir-reviżjoni possibbli tas-CPR biss u JISTIEDEN lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati, jiżviluppaw politika għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' prodotti u materjali tal-kostruzzjoni bbażata fuq valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja u jintegraw għanijiet u miri ta' sostenibbiltà;

15. JENFASIZZA l-importanza tal-integrazzjoni ta' prinċipji ta' ċirkolarità, mentalità li tqis iċ-ċiklu tal-ħajja u disinn modulari fil-kostruzzjoni billi jkompli jiġi elaborat u promoss l-użu ta' għodod mill-Istati Membri, bħal-Livell(i)⁹, il-kriterji tal-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni¹⁰, u l-Protokoll tal-UE dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart tal-Kostruzzjoni u d-Demolizzjoni¹¹, fejn possibbli, u jiġu pprovduti linji gwida għall-awditi tal-iskart qabel xogħlijiet ta' demolizzjoni u rinnovazzjoni tal-bini;
16. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tesplora mal-Istati Membri miżuri bħal:
- a) kjarifika tar-relazzjoni bejn is-CPR u leġislazzjoni oħra tal-UE, bħad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart (2008/98/KE¹²), inkluż kriterji tat-tmien tal-istadju tal-iskart fir-rigward ta' prodotti u materjali tal-kostruzzjoni li jistgħu jergħu jintużaw irkuprati mill-iskart tal-kostruzzjoni,
 - b) kjarifika tar-relazzjoni bejn il-leġislazzjoni tal-UE relatata mal-prodotti, bħad-Direttiva dwar l-Ekodisinn (2009/125/KE¹³) u r-Regolament dwar it-Tikkettar tal-Enerġija (Regolament (UE) 2017/1369¹⁴), u s-CPR fir-rigward tar-rekwiżiti għad-dikjarazzjonijiet,
 - c) kjarifika tar-relazzjoni bejn il-leġislazzjoni ambjentali tal-UE, bħad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb (98/83/KE¹⁵), u s-CPR, bil-ħsieb li jiġu evitati kontradizzjonijiet u problemi possibbli fl-implimentazzjoni,

⁹ Il-qafas ta' rappurtar volontarju tal-Kummissjoni Ewropea għas-sostenibbiltà tal-bini. Aktar informazzjoni: <https://ec.europa.eu/environment/eussd/buildings.htm>

¹⁰ Il-kriterji tal-Kummissjoni Ewropea għall-akkwist pubbliku ekoloġiku għad-disinn, il-kostruzzjoni u l-ġestjoni ta' bini ta' uffiċċji. Disponibbli online fuq: https://ec.europa.eu/environment/gpp/eu_gpp_criteria_en.htm

¹¹ Proposta ta' linji gwida mhux vinkolanti tal-Kummissjoni Ewropea għall-industrija. Disponibbli online fuq: https://ec.europa.eu/growth/content/eu-construction-and-demolition-waste-protocol-0_en

¹² kif emendata l-aħħar

¹³ kif emendata l-aħħar

¹⁴ kif emendat l-aħħar

¹⁵ kif emendata l-aħħar

- d) kjarifika dwar kif ir-relazzjoni bejn il-leġislazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi, bħar-REACH (Regolament KE Nru 1907/2006¹⁶) u s-CPR, tista' tiġi żviluppata aħjar,
- e) użu aktar konsistenti tad-definizzjonijiet u t-terminoloġija eżistenti għal "użu mill-ġdid" u "riċiklaġġ" fis-CPR u l-istandards relatati, minn naħa, u l-użu ta' definizzjonijiet u terminoloġija għal "irkupru" li jeżistu fil-leġislazzjoni dwar l-iskart, min-naħa l-oħra,
- f) possibbiltajiet li jiffaċilitaw dispożizzjonijiet għal suq għal materjali ta' kwalità għolja mill-użu mill-ġdid, bi prijorità, imbagħad mir-riċiklaġġ,
- g) possibbiltajiet biex jiġi ffaċilitat l-użu aktar mifrux ta' elementi strutturali modulari u prodotti tal-kostruzzjoni modulari,
- h) kundizzjonijiet biex jinħolqu u jiġu ffinanzjati sistemi bħal pjattaformi diġitali għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti riċiklati u użati mill-ġdid,
- i) diġitalizzazzjoni bħala għodda biex tiġi ffaċilitata l-ekonomija ċirkolari fil-kostruzzjoni,
- j) kundizzjonijiet li jippromwovu valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti tal-kostruzzjoni, fejn rilevanti,
- k) miżuri mmirati biex jiġi limitat eċċess ta' prodotti u materjali tal-kostruzzjoni, li jistgħu jinvolvu inċentivi għall-operaturi ekonomiċi biex jieħdu lura dan l-eċċess,

¹⁶ kif emendat l-aħħar

- l) dispożizzjonijiet li jippromwovu dokumentazzjoni (bħal logbook fil-livell tax-xogħol ta' kostruzzjoni, inkluż passaport tal-prodotti jew tal-materjali jew awditjar ta' qabel id-demolizzjoni) biex jiġu elenkati l-prodotti u l-materjali kollha tal-kostruzzjoni kollha użati f'xogħol ta' kostruzzjoni biex tkun possibbli t-traċċabbiltà tas-sustanzi jew tal-materjali u biex jiżdied l-għarfien ġenerali dwar il-kontenut ta' prodott u xogħol tal-kostruzzjoni; dan il-ġbir ta' data huwa essenzjali għall-iżvilupp ta' strumenti diġitali, bħall-Immodellar tal-Infurmazzjoni dwar il-Bini (BIM)¹⁷, il-ġestjoni sostenibbli tal-bini fit-tul u r-riċiklaġġ,
 - m) dispożizzjonijiet li jippromwovu alternattiva għall-kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika (FPC) għal prodotti tal-kostruzzjoni użati mill-ġdid, filwaqt li jitqies ukoll il-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir";
17. JIRRIKONOXXI l-ħidma li saret mill-Istati Membri fl-iżvilupp ta' proġetti pilota, u JISTIEDEN lill-Kummissjoni teżamina l-possibbiltajiet biex jiżdiedu proġetti effettivi u l-fattibbiltà tagħhom f'termini tal-ispeċifikitajiet fi Stati Membri differenti;
 18. JISTIEDEN lill-Istati Membri jagħmlu sforzi ulterjuri biex jiżviluppaw u jsaħħu l-pjanijiet direzzjonali u l-istrateġiji nazzjonali tagħhom b'rabta ma' ekonomija ċirkolari fis-settur tal-kostruzzjoni, filwaqt li jqisu s-sistemi nazzjonali ta' valutazzjoni għall-bini sostenibbli jew is-sistemi għal ekonomija ċirkolari tal-bini, fejn applikabbli, jew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti fi ħdan is-Suq Intern tal-Unjoni Ewropea, fejn dawn jeżistu;
 19. IFAKKAR fl-importanza ta' prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar bħala prerekwiżit biex ikun hemm ambjent regolatorju li jibqa' validu fil-futur u li jkun ibbażat fuq l-evidenza. F'dan ir-rigward, JENFASIZZA r-rwol ewlieni tal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati fil-fażi preparatorja tar-reviżjoni possibbli tas-CPR. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-koerenza tal-leġislazzjonijiet Ewropej relatati mal-prodotti.

¹⁷ Rappreżentazzjoni diġitali tal-karatteristiċi fiżiċi, funzjonali u oħrajn ta' bini jew ambjent mibni.